# *Stedina*



Il-Vigarju u l-membri tas-socjetà Missjunarja ta' San Pawl jixtiequ jistiednu lilkom qraba, u ħbieb u benefatturi għal-laqgħa tal-Milied li għandha ssir fil-Motherhouse Sant' Agata

Nhar il-Hadd 16 ta' Dicembru fit-3.30 p.m.

## *Fundazzjoni Quddies Wara Mewtek*




**Ħuti ż-żmien igerbeb u l-Mulej jibgħat għalina**
**Int qatt ħsibt għal xi ħaġa wara mewtek?**
**Tista' twaqqaf Fundażżjoni ta' Quddies .**
**Aħna lesti biex nieħdulek ħsieb.**

## X'għandek tagħmel?

**Tista' tagħmel din il-Fundazzjoni f'hajtek jew**
**Tista' tgħalliha fit-testment**
**Il-quddies tal-fundazzjoni jitqaddsu appena tigi nieqes/a**

**(f'każ li beħsibek tgħalliha f'testment jekk joghġbok ikkuntattjana qabel)**

**Cemplilna**
**2145 4503/7926 5968**


**Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl | Sant'Agata, Rabat, Malta RBT 07 Tel: 2145 4503 | Stella Maris, Żebbuġ, Gozo Tel: 2155 1159**



NEWSPAPER POST

**NOVEMBRU 2007 | GĦADD 420**
**EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP**




# aħna *lilkom*

Ħolqa bejn il-ħbieb

## *Il-Professjoni ta' Bro Rahul*

Bro Rahul Sima



Bro Rahul ma' ommu, oħtu u membri oħra tal-familja

Sena ilu jien bdejt in-novizzjat tiegħi fis-Socjetà Missjunarja ta' San Pawl bħala l-ewwel membru Indjan. Minn dak iż-żmien 'l hawn bdejt vjaġġ twil li fih l-aktar li spikkat kienet l-ewwel professjoni reliġjuża tieghi fit-30 ta' Settembru li għadda. U din kienet okkażjoni sabiħa li ma ninsiha qatt.

Nixtieq nibda dan il- messaġġ tiegħi lilkom, għeżież qraba, benefatturi u ħbieb tas-Socjetà tagħna bi ftit memorji tal-qagħda tiegħi f'Malta.

Jien wasalt hawn Malta f'Marz u ta' l-2006 u ġejt milqugħ tajjeb ħafna sew mill-membri tas-Socjetà u sew mill-Maltin. Waħda mill-karatteristiċi li l-aktar nammira fil-Maltin hija li huma mintagħna ħafna. Għal min iħalli daru u pajjiżu u jibda vjaġġ, għal raġuni tkun li tkun, waqt li jaf li n-nies tal-pajjiż fejn sejjer se jsiru l-familja ġdida tiegħu, żgur mhix ħaġa ħafifa. Lanqas għalija ma kienet ħafifa imma sinċerament nistqarr li ħuti fis-Socjeta' u ħafna minnkom li qed taqraw dan il-messaġġ u li ntqajtu miegħi u inkoraġġejtuni u tlabtu għalija, għintuni biex inħossni aktar qisni f'dari u ħaġa waħda magħkom.

Ma' tul din is-sena tan-novizzjat tiegħi nipprovajt nsir naf il-missjoni tas-Socjetà tagħna, il-kultura Maltija u aktar dwar il-Fundatur tagħna Mons. Ġ. De Piro.

Issa wara sena u nofs hawn Malta nista' verament ngħid li, waqt li kont qed nipprepara biex nagħmel dan il-pass ta' l-ewwel professjoni, kont inħossni li qed inkun megħjun minn ħafna bit-talb tagħhom, għas-sempliċi raġuni li għandna fidi waħda. Dan kompla jimlieni bil-kuraġġ biex nasal noffri ħajti lil Alla u l-Knisja tiegħu fis-Socjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Għalkemm din hi ġrajja waħda mportanti fit-triq twila tiegħi għas-saċerdozju, irrid nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom għall-għajnuna li tajtuni u t-talb li offrejtu għalija u nitlobkom li tkomplu tagħmlu dan. Min-naħa tiegħi nassigurakom li nitlob għalikom ma' sħabi fis-Socjetà jien ukoll.

# *Fil-Qalba* tal-Missjoni!

Fil-bidu ta' din is-sena ġejt inkarigat minn raħal fqir ġewwa l-Peru ddedikat lil Santa Teresa tal-Bambin Ġesù, Padruna tal-Missjonijiet. Il-ħidma tiegħi hawn tinkludi minn Xandir tal-Kelma t'Alla sa kull tip ta' għajnuna materjali lill- fqar. Matul il-ġurnata niddedika ruħi għal ħidma socjali mal-foqra u t-tfal. Dan hu possibli għax fir-raħal għandi Knisja b'ċentru ta' attivitajiet magħha bħalma hija kċina għall-foqra, "Day care centre" għat-tfal, "policlinic" żgħir, ċentru għad-dutrina, u sala żgħira għall-attivitajiet.

Fil-waqt li filgħaxija nwettaq xogħol aktar pastorali bil-kuntatt tiegħi personali mad-diversi kategoriji ta' nies. Hawn aħna il-missjunarji irridu nieħdu ħsieb kemm is-saħħa spiritwali tan-nies kif ukoll dik fiżika u materjali. Irrid niddefendi d-drittijiet tal-foqra kif ukoll nagħtihom lil Ġesu Kristu bħala s-soluzzjoni vera tal-problemi tagħhom.



Parti kbira mill-missjoni tiegħi hija li nismaċ lin-nies u ngħinhom fis-sitwazzjoni tagħhom. Għalija l-Missjoni hija ħajti u ma nsib xejn isbaħ milli naqdi lil Ġesu Kristu f'dawn in-nies foqra, għax għalkemm fil-missjoni hawn ħafna tbatija hawn ħafna ferħ ġenwin ukoll.

**Fr. Victor Zammit mssp**

# Żewg studenti *jmorru l-Peru*



Il-ħajja formattiva ta' l-istudenti fi ħdan is-Soċjetà tagħna għandha fażijiet differenti. Barra dak li hu formazzjoni għall-ħajja reliġjuża, komunitarja u anke akkademika, l-istudent ikollu wkoll esperjenzi differenti ta' pastorli f'Malta, imma b'mod speċjali esperjenza fil-missjoni. F'dan iż-żmien l-istudent ikun jista' jagħraf iktar is-sejħa missjunarja li hu msejjaħ biex jgħix.

Fil-bidu ta' dan ix-xahar, Bro. Clinton Farrugia u Bro. Bernard Falzon, li għadhom kemm temmew il-kors ta' Baccellerat fil-Filosofija fl-Universita' ta' Malta, ħallew Malta għall-esperjenza missjunarja fil-Peru'. Għal dan il-għan, matul ix-xahar ta' Settembru attendew kors ta' preparazzjoni ġewwa Verona, fl-Italja. Nitolbukom biex tiftakru fihom fit-talb tagħkom ħalli jgħixu dak li Alla sejħilhom għalih.

# Il-Festa tas-Santo Nino *ġewwa l-Filippini*

*Lonnie Borg mssp*

Qed joqrob il-Milied u dan ifakkarni f'devozzjoni li hawn fil-Filippini lejn ix-xbieha ta'Ġesù Bambin. Din hija antika ħafna. Nistgħu ngħidu li bdiet f' 1521 meta l-esploratur Portugiż Ferdinand Magellan sab l-Arcipelagu li ġie mogħti l-isem Filippini għar-Filippu Re ta' Spanja.

Ġara li l-mara tas-sultan ir-Raja Humabon minn Cebu ġiet mogħtija statwa żgħira, ta' ħmistax-il pulzier li turi s-Santo Nino, liebes libsa ħamra, bil-kappell, qed iżomm globu b'salib żgħir fuqu. Oriġinarjament din l-istatwa ġiet maħduma fil-Belġju u marret in-naħa l-oħra tad-dinja, il-Filippini.




Allura qabel il-festa, li issir f'Jannar, fil- knisja fejn immur inqaddes jien, tibda in-novena lis - Signor Santo Nino. Kull ġurnata grupp ta' familji li jissejħu sponsors iridu janimaw il-quddiesa huma, filwaqt li grupp ieħor ta' kull filgħodu jmorru bl-istatwa u jgħidu r-rużarju fċpostijiet differenti. Fil-ġurnata tal- festa jiġi l-Isqof għall- quddiesa. Meta tispiċċa il-quddiesa u jitqassam xi ikel, għandhom drawwa li jsir żfin magħruf bħala Ate Atihan. Din id-drawwa tmur lura sas-seklu tlettax meta erba' Raja (mexxejja) waslu l-Filippini minn Borneo sabiex jixtru l-gżira ta Panaj. Fl-aħħarnett issir il-proċessjoni fejn fiha n-nies jippartecipaw u jġorru l-istatwi żgħar jew kbar tas-Santo Nino.

# Dun Franġisk Saverju Schembri mssp



Wara ħajja twila mimlija dedikazzjoni u ġenerożità lil Alla u lill-oħrajn Dun Franġisk Saverju Schembri mssp, minn Ħal Qormi, ingħaqad mal-Mulej nhar is-16 ta' Ottubru 2007 fl-eta' ta' 83.

Dun Franġisk ġie minn familja numeruża u reliġjuża ħafna. Barra hu mill-familja Schembi ħargu żewġ vokazzjonijiet oħra Dun Giakkinu u Sr. Ċeċilja S.J.A.

Ġie ordnat saċerdot f'Awissu 1951 u f' Mejju ta' 1954 mar jaħdem fl-Awstralja bħala kappillan tal-Maltin. Huwa kien jara kif jista' jkun ta' għajuna għalihom f'kull ma' jinqalagħlhom. Dak Iż-żmien kienu jemigraw eluf kbar ta' nies lejn l-Awstralja.

Barra dan huwa kien wkoll kappillan f'parroċċi differenti. Kull fejn kien ra kif għamel biex bena knejjes u anke swali fejn ilaqqa' in-nies għat-tagħlim.

Meta ġie lura Malta f'1970, bħala membru tal-Kunsill tas-Superjur Ġenerali, huwa ta' sehmu wkoll fit-tagħlim tal-fisika fil-Kulleġġ tagħna għal bosta snin.

Dun Franġisk jibqa' jissemma' specjalment fil-kommunita' tagħna għal kwalitajiet sbieħ li kellu. Fosthom is-semplicita', l-ħlewwa u l- ġenerożita' ma' kulħadd.